

Paġna ewlenija>Taħriġ, networks ġudizzjarji u aġenziji>Eurojust

Jekk jogħġbok innota li l-verżjoni bil-lingwa oriġinali ta' din il-paġna [en](#) għiet emendata reċentement. Il-verżjoni tal-lingwa li qed tara bħalissa attwalment qed tiġi ppreparata mit-tradutturi tagħna.

Swipe to change

I-Ingliż**Eurojust**

Il-Kunsill Ewropew waqqaf Eurojust sabiex jirrinforza l-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata serja. Eurojust huwa korp magħmul minn prosekuturi, maġistrati jew uffiċjali tal-pulizija b'kompetenza ekwivalenti.

Ma hemm l-ebda traduzzjoni uffiċjali tal-verżjoni tal-lingwa li qed tara.

Hawnhekk tista' tara verżjoni tradotta awtomatikament ta' dan il-kontenut. Jekk jogħġbok innota li din hi pprovdata biss għal finijiet kuntestwali. Is-sid ta' din il-paġna ma jaċċetta ebda responsabbiltà jew obbligazzjoni fir-rigward tal-kwalità ta' dan it-test tradott b'mod awtomatiku.

-----il-Malti-----il-Bulgarul-Ispanjoliċ-Ċekid-Daniżil-Ġermaniżil-Estonjanil-Griegil-FranċiżKroatit-Taljanil-Latvjanil-Litwanil-

Ungerizil-Olandiżil-Pollakkil-Portugiżir-Rumenis-Slovakkis-Slovenil-Finlandiżl-Isvediż

X'inhu Eurojust?

Eurojust huwa korp tal-Unjoni Ewropea imwaqqaf fl-2002 biex iħeġġeġ u jtejjeb il-koordinazzjoni fl-investigazzjonijiet u l-prosekuzzjonijiet fost l-awtoritajiet ġudizzjarji tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea meta jkollhom x'jaqsmu ma' kriminalità serja tranfruntiera u organizzata.

X'inhuma l-għanijiet ta' Eurojust?

Fil-kuntest ta' investigazzjonijiet u prosekuzzjonijiet li jikkonċernaw żewġ Stati Membri jew aktar, l-għan ta' Eurojust huma li jħeġġeġ u jtejjeb il-koordinazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali, filwaqt li jqis kull talba li ssir minn awtorità kompetenti ta' Stat Membru u kull informazzjoni mogħtija minn kull korp kompetenti bis-saħħa tad-dispożizzjonijiet adottati fi ħdan il-qafas ta-Trattati ([in-Netwerk Ġudizzjarju Ewropew](#) fi kwistjonijiet kriminali, [Europol](#), u [OLAF](#)).

Għan ieħor tal-Eurojust huwa li jtejjeb il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti, b'mod partikolari billi jiffaċilita l-eżekuzzjoni tal-għajnuna legali reċiproka internazzjonali u l-implimentazzjoni tal- [Mandati ta' Arrest Ewropej](#).

Il-Eurojust tappoġġa wkoll l-awtoritajiet kompetenti sabiex ittejjeb l-effettività tal-investigazzjonijiet u l-prosekuzzjonijiet. Huwa jista' jassisti fl-investigazzjonijiet u l-prosekuzzjonijiet bejn Stat Membru u Stat mhux Membru jew bejn Stat Membru u l-Kummissjoni rigward reati kriminali li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni Ewropea.

Il-Eurojust ittejjeb l-effiċjenza tal-investigazzjoni nazzjonali u tal-awtoritajiet tal-prosekuzzjoni meta jkollhom x'jaqsmu ma' kriminalità serja transfruntiera u organizzata, jiġifieri, terroriżmu, traffikar fil-bnedmin, traffikar tad-droga, frodi u haġal tal-flus, sabiex l-akkużati jittressqu malajr kemm jista' jkun quddiem il-ġustizzja.

Kif jaħdem il-Eurojust?

Il-Eurojust jaqdi dmirijietu permezz tal-Membri Nazzjonali tiegħu jew kolleġjalment. Huwa għandu s-setgħa jitlob lill-awtoritajiet nazzjonali biex jibdeu investigazzjoni jew il-prosekuzzjoni ta' atti speċifiċi; biex jara li waħda minnhom tkun tista' tkun f'pożizzjoni aħjar li tidda investigazzjoni jew il-prosekuzzjoni ta' atti speċifiċi; biex jikkoordina bejn l-awtoritajiet kompetenti; biex iwaqqaf tim konġunt ta' investigazzjoni; jew biex jipprovi kull informazzjoni meħtieġa biex jaqdi dmirijietu.

Il-Eurojust jiżgura l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti u jgħin biex jagħtu l-aħjar koordinazzjoni u kooperazzjoni possibbli. Il-Eurojust jikkoopera wkoll man-Netwerk Ewropew tal-Ġustizzja, il-Europol u l-OLAF. Il-Eurojust joffri għajnuna loġistika u jista' jorganizza u jiffaċilita laqgħat ta' koordinament bejn l-awtoritajiet ġudizzjarji u l-awtoritajiet tal-pulizija tal-Istati differenti biex jgħinhom isolvu kwistjonijiet ġuridiċi u problemi prattiċi.

Minn min huwa ffurmat il-Eurojust?

Il-Eurojust huwa ffurmat minn 28 Membru Nazzjonali, wieħed minn kull Stat Membru tal-UE. Il-Membri Nazzjonali jiġu nominati skont is-sistemi ġudizzjarji rispettivi tagħhom u għandhom kariga permanenti fl-Aja. Il-Membri Nazzjonali huma prosekuturi u mħallfin anzjani u ta' esperjenza jew uffiċjali tal-pulizija b'kompetenza ekwivalenti. Uħud mill-Membri Nazzjonali jiġu megħjuna minn Deputati, Assistenti jew Esperti Nazzjonali Sekondati.

It-tisħiħ tal-Eurojust

Fl-4 ta' Ġunju 2009, il-Kunsill adotta Deċiżjoni ġdida li ssaħħa lill-Eurojust. L-għanijiet tad-Deċiżjoni l-ġdida biex isaħħu lill-Eurojust jinkludu dawn li ġejjin:

il-ħolqien ta' bażi minima komuni tas-setgħat tal-Membri Nazzjonali

il-ħolqien ta' mekkaniżmu ta' koordinazzjoni f'emerġenza

it-titjib tat-trażmissjoni tal-informazzjoni lill-Eurojust

it-titjib tal-bażi nazzjonali tal-Eurojust

it-tisħiħ tar-relazzjoni bejn il-Eurojust u n-Netwerk Ewropew tal-Ġustizzja

it-tisħiħ tal-koop-erazzjoni ġudizzjarja mal-pajjiżi mhux membri tal-UE billi l-Eurojust tiġi awtorizzata tibgħat maġistrati ta' kollegament f'dawn il-pajjiżi u ssaħħa il-kooperazzjoni ma' korpi oħra bħall-Europol, l-OLAF u l-[Frontex](#).

Fis-17 ta' Lulju 2014 għet adottata [proposta għal regolament dwar il-Eurojust](#). L-għan kien li titjib l-effikaċja operazzjonali tal-Eurojust. In-negozjati fuq il-proposta għadhom għaddejnin.

Ħoloq relatati**Eurojust**

L-aħħar aġġornament: 08/12/2021

Din il-paġna hi amministrata mill-Kummissjoni Ewropea. L-informazzjoni f'din il-paġna ma tirriflettix neċessarjament il-pożizzjoni uffiċjali tal-Kummissjoni Ewropea. Il-Kummissjoni ma taċċetta l-ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali fir-rigward tar-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-paġni Ewropej.